



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-575/18

Ir-Repubblika Ċeka

vs

Il-Kummissjoni Ewropea

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tad-9 ta' Lulju 2020

“Appell – Riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea – Responsabbiltà finanzjarja tal-Istati Membri – Talba sabiex jinħelsu milli jqiegħdu għad-dispożizzjoni riżorsi proprji – Rikors għal annullament – Ammissibbiltà – Ittra tal-Kummissjoni Ewropea – Kunċett ta' ‘att li jista’ jiġi kkontestat’ – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Rikors ibbażat fuq arrikkiment indebitu tal-Unjoni”

- Rikors għal annullament – Atti li jistgħu jiġu kkontestati – Kunċett – Atti li jipproduċu effetti legali vinkolanti – Ittra tal-Kummissjoni li tistieden informalment lil Stat membru jqiegħed riżorsi proprji tradizzjonali għad-dispożizzjoni tal-baġit tal-Unjoni – Esklużjoni (Artikolu 263 TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 1150/2000; Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436)*

(ara l-punti 46-48)
- Rikors għal annullament – Atti li jistgħu jiġu kkontestati – Kunċett – Atti li jipproduċu effetti legali vinkolanti – Possibbiltà li titwarrab din il-kundizzjoni permezz tal-invokazzjoni tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Assenza (ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 263 TFUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 47)*

(ara l-punti 52, 53)
- Rikors għal annullament – Atti li jistgħu jiġu kkontestati – Atti li jipproduċu effetti legali vinkolanti – Ittra tal-Kummissjoni li tistieden informalment lil Stat membru jqiegħed riżorsi proprji tradizzjonali għad-dispożizzjoni tal-baġit tal-Unjoni – Iffissar b'din l-ittra ta' terminu għat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' riżorsi proprji tal-Unjoni taħt piena ta' ħlas ta' interessi moratorji – Produzzjoni ta' effetti ġuridiċi – Assenza (Artikolu 263 TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 1150/2000, Artikoli 9(1) u 11)*

(ara l-punt 54)
- Rikors għal annullament – Rikors kontra ittra tal-Kummissjoni li tistieden informalment lil Stat membru jqiegħed riżorsi proprji tradizzjonali għad-dispożizzjoni tal-baġit tal-Unjoni –*

Stħarriġ tal-fondatezza tal-obbligu ta' dan l-Istat li jqiegħed għad-dispożizzjoni dawn ir-riżorsi – Nuqqas ta' osservanza tas-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni – Inammissibbiltà (Artikolu 263 TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 1150/2000; Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2000/597 u 2007/436)

(ara l-punti 55-64)

5. *Riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea – Konstatazzjoni u tqegħid għad-dispożizzjoni mill-Istati Membri – Tqegħid għad-dispożizzjoni taħt riżervi varji – Konstatazzjoni u tqegħid għad-dispożizzjoni mill-Istati Membri – Prinċipju ta' kooperazzjoni leali – Obbligu tal-Kummissjoni li tiftaħ djalogu kostruttiv mal-Istat Membru kkonċernat – Obbligu tal-din l-istituzzjoni li tressaq rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu – Assenza (Artikolu 4(3) TUE; Artikolu 258 TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 1150/2000)*

(ara l-punti 68, 73-75, 77-80)

6. *Riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea – Konstatazzjoni u tqegħid għad-dispożizzjoni mill-Istati Membri – Tqegħid għad-dispożizzjoni taħt riżervi varji – Rikors ibbażat fuq l-arrikkiment indebitu tal-Unjoni – Rispett tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva (Artikoli 268 u 340 TFUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 47)*

(ara l-punti 81-83)

Sunt

Fit-30 ta' Mejju 2008, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) adotta rapport dwar investigazzjoni li kienet tirrigwarda verifiki li kienu jikkonċernaw l-importazzjoni ta' lighters tal-but li joriġinaw minn Laos. Skont dan ir-rapport, li kien jirrigwarda b'mod partikolari 28 każ ta' importazzjoni ta' merkanzija fir-Repubblika Ċeka, l-Istati Membri kellhom iwettqu awditi fuq l-importaturi kkonċernati u jiftħu proċedura ta' aġġustament u rkupru fiskali. L-awtoritajiet Ċeki ħadu miżuri sabiex iwettqu aġġustament u rkupru fiskali, filwaqt li indikaw madankollu li, f'xi wħud minn dawn il-każijiet, l-irkupru tal-ammont tar-riżorsi proprji tal-Unjoni ma kienx possibbli. Permezz ta' ittra tal-20 ta' Jannar 2015, il-Kummissjoni Ewropea informat lil dawn l-awtoritajiet li r-Repubblika Ċeka ma setgħetx tinħeles mill-obbligu tagħha li tqiegħed għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tal-Unjoni, bis-saħħa tar-Regolament Nru 1150/2000¹, u stidnithom iwettqu l-ħlas tal-ammont inkwistjoni, filwaqt li ppreċiżat li kull dewmien kien ser jagħti lok għall-ħlas ta' interessi.

¹ Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat 22 ta' Mejju 2000 li jimplementa d-Deċiżjoni 94/728/CE, Euratom li jimplimenta s-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3 p. 169), kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2028/2004 tal-Kunsill, tas-16 ta' Novembru 2004 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti L 153M, p. 162) u bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 105/2009 tal-Kunsill tas-26 ta' Jannar 2009 (ĠU 2009, L 36, p. 1). Ara b'mod partikolari l-Artikolu 17(2) ta' dan ir-regolament.

Peress li r-Repubblika Ċeka ma qablitx mal-pożizzjoni espressa mill-Kummissjoni f'din l-ittra, hija ressqet quddiem il-Qorti Ġenerali rikors għall-annullament tad-deċiżjoni ta' din l-istituzzjoni li allegatament kienet tinsab fl-imsemmija ittra. Permezz ta' digriet², il-Qorti Ġenerali laqgħet l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni u, konsegwentement, ċaħdet ir-rikors. Hija, fil-fatt, iddeċidiet li dan kien indirizzat kontra att li ma setax ikun is-suġġett ta' rikors għal annullament, għaliex ma kienx jipproduċi effetti obligatorji taħt id-dritt. Ir-Repubblika Ċeka ressqet appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li fih sostniet, sostanzjalment, li l-inammissibbiltà tar-rikors għal annullament tagħha kienet iċċaħħadha minn protezzjoni gudiżzarja peress li hija ma kellha ebda rimedju gudiżzarju li jippermettilha tikseb sħarriġ gudiżzarju effettiv tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni.

Fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Lulju 2020, mogħti bħala Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja ppronunzjat ruħha fuq il-kundizzjonijiet ta' aċċess tal-Istati Membri għal protezzjoni gudiżzarja effettiva fil-każ ta' tilwima li tkun tirrigwarda l-portata tar-responsabbiltà finanzjarja tagħhom fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tar-riżorsi proprji ta' din tal-aħħar.

Qabel xejn, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, l-obbligi ta' għbir, ta' konstatazzjoni u ta' reġistrazzjoni fil-kont tar-riżorsi proprji tal-Unjoni jaqgħu direttament fuq l-Istati Membri. B'dan il-mod, il-Kummissjoni ma għandha ebda setgħa deċiżjonali li tippermettilha titlob lil dawn tal-aħħar jikkonstataw u jqegħdu għad-dispożizzjoni tagħha l-ammonti ta' dawn ir-riżorsi. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-ftuħ ta' rikors għal annullament kontra ittra, bħall-ittra kontenzjuża, għall-finijiet tal-istħarriġ tal-fondatezzaza tal-obbligu ta' Stat Membru li jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni dawn l-ammonti, iwassal għal nuqqas ta' osservanza tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni, kif previst mid-dritt tal-Unjoni. Issa, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tibdel l-għażla mwettqa, f'dan ir-rigward, mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

Imbagħad, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, il-possibbiltà tal-Kummissjoni li tissottometti għall-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, tilwima li jkollha ma Stat Membru, fir-rigward tal-obbligu tiegħu li jqiegħed għad-dispożizzjoni ta' din l-istituzzjoni ċertu ammont ta' riżorsi proprji tal-Unjoni, hija inerenti għas-sistema ta' dawn ir-riżorsi. Hija żiedet li, meta Stat Membru jqiegħed għad-dispożizzjoni ammont minn dawn ir-riżorsi flimkien ma' riżervi fir-rigward tal-obbligu tiegħu li jipproċedi b'dan il-mod, hija l-Kummissjoni li għandha, konformement mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, tiftaħ ma' dan l-Istat Membru djalogu konstruttiv sabiex tiddetermina l-obbligi li jaqgħu fuq dan tal-aħħar. Fil-każ li dan id-djalogu jieqaf, din l-istituzzjoni għandha l-possibbiltà li tressaq rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu fir-rigward ta' dan l-Istat Membru. Effettivament, il-fatt li takkumpanja b'riżervi t-tqegħid għad-dispożizzjoni tar-riżorsi proprji tal-Unjoni jiġġustifika l-konstatazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, fl-ipoteżi fejn l-Istat Membru kkonċernat ikun effettivament marbut li jwettaq tali tqegħid għad-dispożizzjoni.

Madankollu, fid-dawl tas-setgħa diskrezzjonali li għandha l-Kummissjoni fir-rigward tat-tressiq ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li dan ir-rimedju ma joffri ebda garanzija lill-Istat membru kkonċernat li jara l-kwistjoni dwar it-tqegħid għad-dispożizzjoni tar-riżorsi proprji tal-Unjoni kontra din l-istituzzjoni tinqata' mill-qorti. Hija madankollu żiedet li, meta Stat Membru jkun qiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni ammont ta' riżorsi proprji tal-Unjoni filwaqt li jkun ifformula riżervi fir-rigward tal-fondatezzaza tal-pożizzjoni ta' din l-istituzzjoni u l-proċedura ta' djalogu ma tkunx ippermettiet li tispiċċa

² Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Ġunju 2018, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni (T-147/15, mhux ippubblikat, EU:T:2018:395).

t-tilwima bejn din l-istituzzjoni u dan l-Istat Membru, huwa jista' jitlob li jiġi kkompensat minħabba l-arrikkiment indebitu tal-Unjoni u, jekk ikun i-każ, iressaq rikors quddiem il-Qorti Ġenerali għal dan il-għan.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-azzjoni bbażata fuq l-arrikkiment indebitu tal-Unjoni, li ssir abbażi tal-Artikolu 268 TFUE u tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 340 TFUE, teżiġi l-prova ta' arrikkiment mingħajr bażi legali valida kif ukoll dik ta' telf tar-rikorrent marbut ma' dan l-arrikkiment. B'hekk, fil-kuntest tal-eżami ta' din l-azzjoni, hija l-Qorti Ġenerali li għandha tevalwa, b'mod partikolari, jekk it-telf tal-Istat Membru rikorrent, li jkun jikkorrispondi għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni ta' ammont ta' riżorsi proprji tal-Unjoni li dan l-Istat Membru jkun ikkontesta, u l-arrikkiment korrelattiv ta' din l-istituzzjoni jkunux iġġustifikati bl-obbligi li jaqgħu fuq l-imsemmi Stat Membru bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tar-riżorsi proprji tal-Unjoni jew ikunux, bil-kontra, imneżża minn kull ġustifikazzjoni bħal din. Għaldaqstant, peress li qieset li Stat Membru ma huwiex imċaħħad minn protezzjoni ġudizzjarja effettiva fil-każ ta' nuqqas ta' qbil, mal-Kummissjoni, fir-rigward tal-obbligi fil-qasam tar-riżorsi proprji tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-appell kollu kemm hu.